# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT:
## Dt Antonio Micallef Trigona LL.D., MAG. Jur. (EU LAW)

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Marzu 2001

Avviz numru 14/99 (MM)

Tophouse Co. Ltd

-vs-

Gozo Retali Services Ltd

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviz ipprezentat fit-3 ta' Frar 1999 fejn is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u disgha u sebghin liri Maltin u sebgha u disghin centezmi (Lm279.97) dovuti lis-socjeta' attrici bhala prezz tal-bejgh ta' diversi konsenji ta' merkanzija skond invoices numri 5915 u 6316 datati rispettivament 16 ta' April 1998 u 28 ta' Mejju 1998, kopja taghhom qeghdha tigi hawn annessa u markati A u B u li baqghu ma gewx saldati.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data ta' kull konsenja tal-merkanzija lis-socjeta' konvenuta sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittri ufficjali tad-19 ta' Novembru 1998 u bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hija mharka.

Rat il-verbal taghha tat-13 ta' Frar 2001 fejn gie dikjarat li s-sorte thallas u baqa' pendenti l-kap ta' l-ispejjez.

Rat l-istess verbal fejn din il-Qorti iddiferiet il-kawza ghas-sentenza fuq il-kap ta' l-ispejjez sakemm il-konvenut zmien tliet gimghat ma jindikax b'nota li l-ispejjez gew imhalsa.

Rat li t-terminu ghadda inutilment.

Stante li mill-atti processwali jirrizulta li s-sorte thallas fil-mori tal-kawza, l-Qorti qeghdha tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kif mitluba fl-avviz promotorju komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Novembru 1998.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur